DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 27/2011

tal-1 ta' April 2011

li temenda l-Anness XXII (Il-liġi tal-kumpaniji) mal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XXII tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 127/2010 tal-10 ta' Novembru 2010 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 550/2010 tat-23 ta' Ġunju 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-Istandard Internazzjonali ta' Rappurtaġġ Finanzjarju (IFRS) 1 ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-ftehim.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 574/2010 tat-30 ta' Ġunju 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-Istandard Internazzjonali ta' Rappurtar Finanzjarju (IFRS) 1 u l-IFRS 7 ([3]) għandu jiġi inkorporat fil-ftehim.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 632/2010 tat-19 ta' Lulju 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS) 24 u l-Istandard Internazzjonali għar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) 8 ([4]) għandu jiġi inkorporat fil-ftehim.

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 633/2010 tad-19 ta' Lulju 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-Interpretazzjoni 14 tal-Kumitat tal-Interpretazzjoni Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRIC) ([5]) għandu jiġi inkorporat fil-ftehim.

(6) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 662/2010 tat-23 ta' Lulju 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-Interpretazzjoni 19 tal-Kumitat tal-Interpretazzjoni Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRIC) u l-Istandard Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) 1 ([6]) għandu jiġi inkorporat fil-ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-inċiżi li ġejjin għandhom jiżdiedu mal-punt 10ba (Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008) fl-Anness XXII mal-Ftehim:

"— **32010 R 0550**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 550/2010 tat-23 ta' Ġunju 2010 (ĠU L 157, 24.6.2010, p. 3),

— **32010 R 0574**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 574/2010 tat-30 ta' Ġunju 2010 (ĠU L 166, 1.7.2010, p. 6),

— **32010 R 0632**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 632/2010 tad-19 ta' Lulju 2010 (ĠU L 186, 20.7.2010, p. 1),

— **32010 R 0633**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 633/2010 tad-19 ta' Lulju 2010 (ĠU L 186, 20.7.2010, p. 10),

— **32010 R 0662**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 662/2010 tat-23 ta' Lulju 2010 (ĠU L 193, 24.7.2010, p. 1)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti (UE) Nru 550/2010, (UE) Nru 574/2010, (UE) Nru 632/2010, (UE) Nru 633/2010 u (UE) Nru 662/2010 fl-ilsien Islandiż u f'dak Norveġiż, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-2 ta' April 2011, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 58, 3.3.2011, p. 85.
([2]) ĠU L 157, 24.6.2010, p. 3.
([3]) ĠU L 166, 1.7.2010, p. 6.
([4]) ĠU L 186, 20.7.2010, p. 1.
([5]) ĠU L 186, 20.7.2010, p. 10.
([6]) ĠU L 193, 24.7.2010, p. 1.
(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' April 2011.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

L-Aġent President

Gianluca GRIPPA